# LAQMIJIET - TARXIEN

Minn GUIDO LANFRANCO

Fl-1981 kont hajjar studenti fin-New Lyceum, Msida, biex jaghtu aktar kaz ta' l-aspetti folkloristici ta' l-irhula taghhom; ghalkemm kienu studenti tax-xjenza livell avvanzat, hadu nteress fil-folklor, u gbart diversi dettalji. Wiehed minnhom, C.Hannaford, minn Hal Tarxien, bil-ghajnuna tan-nanna u l-buznanna tieghu, gabarli xi informazzjoni dwar xi laqmijiet, u bil-ghajnuna tieghu, ghalhekk, hawn qed innizzilhom biex jistghu jintuzaw aktar il-quddiem ghal xi investigazzjonijiet dwar niesna. Dawn il-laqmijiet huma biss minn bicca triq qasira. Jibdew minn hdejn il-knisja ta' Santa Marija, fi Triq Santa Marija, u jaslu sa qabel tibda Triq Tarzien, qrib is-salib. Hdejn il-knisja ta' S.Marija: Tan-nicca; mal-genb l-iehor tal-knisja, Tal-Kiku minflok Mari ta'Maketta; inkomplu lejn l-isqaqien Ta'Makuka; Ta(Lonzu(iben tan-Nicca); Sqaq No.2: Ta'Xebba l-poplu; wara Tac-Cina, Tal-Labak, Tat-Tabibu, Tal-Manajs, Tas-Sufa, Ir-Roknisa; Sqaq No.3: Ta'Fazolu, Peppa tal-Bajduna, Ta'Cavett, Tas-Suffara, Tax-Xaghru, Ta'Parutti, Ta'Pasasi; wara Ta'Jok; Sqaq No.4: Ta'Cappettu; Felica tal-Klasis; Tal-Kus; wara: Ta'Cappettu, Tal-Boy, Tal-Bux, Ta'Natu, Tar-Ratal; wara Sqaq 5, Tal-Grann(il-Furnar); Sqaq 6: Il-Gudjana, (Tal-Basktijiet), Tax-Xaqqi; wara: Ta'Rasmondu; Sqaq No.7: Ta' Yok; wara: (dawk li jobormu s-sigaretti); tal-Magni. Naqsmu it-Triq, faccata tas-sigarretti, u nibdew mexjin sa qabel taqbad triq Betta, isibu: Tas-Slajs, Il-Markiza, Ta'Pinu, Tal-Bajduna, Tad-Dagmanta, Ta' Kaneni, Tal-Barun(Karmena), Ta'Kacija, Ta' Bedudu, Ta'Kasuba, Lonza Ta'Bedudu, u kif tasal Rock Street hemm l-ghajn ta' l-Ilma u Tal-Mazuni.

---